22 ta' Frar, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Arthur Saviour Paris *versus* Avukat Dr. George Zammit et. ne.

**Bastiment — "Mortgage" — Ġurisdizzjoni — "Admiralty Court" — Terminu — Dekadenza — Bejgħ — Art. 1122 tal-Kap. 23, u Kap. 41.**

*Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ dwar "mortgage" ta' bastimenti tiġi lilha mill-fatt li l-Qorti tal-Kummerċ ta' Malta għandha dik li tissejjaħ "Admiralty Jurisdiction", u hija għalhekk "Admiralty Court".*

*Il-fatt li l-"mortgagor" isiefer u ma jħalli lil ħadd biex jeħodlu ħsieb il-bastiment, u l-fatt li dan il-bastiment jinżamm traskurat b'mod li jkun qiegħed jiddeterjora ruħu, jikkostitwixxu dawk iċ-ċirkustanzi ta' diminuzzjoni ta' kawteli li jġibu d-dekadenza tad-debitur mit-terminu lilu konċess għall-ħlas tad-dejn, u jawtorizzaw lill-kreditur jitlob il-bejgħ ta' dak il-bastiment.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi hu għandu jieħu minn għand il-konvenut Emmanuele Paris is-somma ta' £1,650, u għalihom għandu "mortgage" fuq il-bastiment "Norjoy" ta' proprjetà tal-konvenut Emmanuele Paris, kif jirriżulta mill-annessa "mortgage paper" (dok. A wara ċ-ċitazzjoni), li qiegħda tiġi eżibita "animo ritirandi"; liema ammont għandu jitħallas fil-ġurnata tal-bejgħ tal-bastiment; u billi l-konvenut Emmanuele Paris ħalla u abbandunа l-bastiment il-Marsa mingħajr l-ebda għases, b'mod li dan l-aħħar il-bastiment kellhom jbattluh mill-ilma, u b'mod li l-makni jiġrilhom ħsara; u li b'dana l-agir il-konvenut Em-

manuele Paris qiegħed inaqqas il-garanzija li l-attur kellu biex jitħallas, u b'hekk iddekada minn kull beneficcju tat-terminu li huwa għandu skond il-"mortgage paper" (dok. A); u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji, jiġi dikjarat u deċiż li bl-aġir tiegħu l-konvenut Emmanuele Paris, il-lum imsiefer, qiegħed inaqqas il-garanzija għall-ħlas, u għalhekk huwa ddekada mill-beneficcju tat-terminu lilu konċess; u konsegwentement dina l-Qorti tordna l-bejgħ tal-bastiment "Norjoy" taħt dawk il-kondizzjonijiet kollha xierqa, u illi mir-rikavat tal-bejgħ l-attur ikun awtorizzat jiżbanka l-kreditu fuq imsemmi ta' £1,650. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Dina l-kawża tirrigwarda "mortgage" ta' bastiment. Il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti dwar kwistjoni ta' "mortgage" tiġi lilha mill-fatt li l-Qorti tal-Kummerċ ta' Malta, bis-saħħa tal-liġi kontenuta fil-Kap. 41 ta' l-Edizzjoni Riveduta, għandha dik li tissejjaħ "Admiralty Jurisdiction", u hija għalhekk 'Admiralty Court'. Oriġinarjament l-'Admiralty Courts' ma kellhomx din il-ġurisdizzjoni; iżda in segwitu akkwistawha bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Merchant Shipping Act. Igħid ir-Roscoe fit-test tiegħu "A Treatise on the Admiralty Jurisdiction and Practice of the High Court of Justice" (1903 edition, p. 275) :— "The Admiralty Court, which possessed no original jurisdiction over mortgage of ships, has now by statute jurisdiction in respect of any mortgage duly registered according to the provisions of the Merchant Shipping Act...." ;

Il-kreditu ta' l-attur kontra l-"mortgagor" ġie soddisfaċentement pruvat........;

Iċ-ċirkustanzi li rriżultaw mill-provi mismugħa, vwoldiri, il-fatt li l-"mortgagor" jinsab imsiefer bla ma jirriżulta li ħalla fil ħadd biex jeħodlu ħsieb ta' ħwejġu, u l-fatt l-ieħor li l-bastiment jinsab traskurat b'mod li qed jiddeterjora minn ġurnata għall-oħra, jikkostitwixxu dawk iċ-ċirkustanzi ta' diminuzzjoni ta' kawteli kontemplata fl-art. 1122 Kap. 23, li jġibu d-dekadenza mit-terminu konċess lid-debitur;

Il-"Mortgage", eżibita maċ-ċitazzjoni, hija debitament reġistrata, kif jidher minn notament fuqha stess magħmul mir-'Registrar of Shipping' hawn Malta, konformement għad-dispożizzjonijiet tal-Merchant Shipping Act, bl-annotazzjoni tal-ġurnata u l-ħin tar-riċezzjoni kif trid il-liġi. Issa, skond l-istess Merchant Shipping Act, "every registered mortgagee shall have power absolutely to dispose of the ship or share in respect of which he is registered............" (Part I, s. 35);

Id-domanda għall-bejgħ għalhekk hija bażata;

Għal dawn il-motivi;

Tipprovvedi fuq l-istanza billi tordna l-bejgħ tal-bastiment in kwistjoni per mezz ta' offerti li għandhom jiġu riċevuti mid-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jieħu ħsieb jippublika mill-aktar fis fil-ġurnali lokali u fl-edifiċċju tal-Borża l-avviż għall-offerti b'terminu ta' xahar, u bis-solita kondizzjoni li kull offerta tkun suġġetta għall-approvazzjoni ta' dina l-Qorti;

Id-Deputat Reġistratur, in kwantu hemm bżonn, qed jiġi nominat, konformement għall-art. 29, Part I, Merchant Shipping Act, għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni ta' dan l-inkariku. Qabel ma jiġu publikati dawn l-avviżi għandha ssir l-istima tal-bastiment per mezz ta' Frederick George Brooke Smith, nominat għal dan l-iskop, assistit mill-istess Deputat Reġistratur, li jista' jaħlef ir-relazzjoni fir-Reġistru, meta mħallsa;

Ir-rikavat, previja d-deduzzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi, jiġi depożitat taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti; salv li l-attur jitlob l-iżbank tal-kreditu tiegħu b'rikors;

Stante l-prattika solita fil-proċeduri għall-"foreclosure" ta' mortgage, fis-sens din il-prattika illi l-id-debitur tingħata kull opportunità li jirredimi l-"mortgage", il-Qorti tordna li din is-sentenza ma tistax tiġi eżegwita jekk, fi żmien xahar mil-lum, id-debitur iħallas interament id-debitu tiegħu. Għeluq dan ix-xahar bla ma jsir il-ħlas, is-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita, basta li l-attur jagħmel dikjarazzjoni b'ġurament, fidejn ir-Reġistratur, 'n kalċe għal din is-sentenza, illi d-debitur ma ħallasx id-debitu tiegħu;

Fi kwalunkwe każ, l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut debitur;

Kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi mibgħuta lir-"Registrar of Shipping" għall-informazzjoni tiegħu;

Il-Qorti tirriżerva tagħti kull provvediment ieħor li talvolta jkun hemm bżonn.